MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2008

Numru 1293/2007

Il-Pulizija
(Sp Jesmond J. Borg)
vs
Adrian Baldacchino, iben Paul, imwieled Attard fl-20 ta' ġunju, 1974

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fil-21 ta' lulju, 2007 għal ħabta tad-9.00 p.m., kif ukoll fil-ġranet ta' qabel, fil-fond 'Fiorella', Triq Tumas Fenech, Qormi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-dannu ta' Charmaine Spiteri, liema ħsara tiskorri l-valur ta' ħames mitt liri maltin (Lm500);
2. talli bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil Charmaine Spiteri tibża li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta'

tagħha jew kontra l-persuna jew propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti jew aħwa subien jew bniet;
3. talli ħebb għal persuna ta' Charmaine Spiteri sabiex jinġurjaha, idejjaqaha jew jagħmel ħsara lil din il-persuna;
4. talli ħedded lil Charmaine Spiteri bi kliem;
5. talli volontarjament kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied.
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tipprovdi skond l-artikolu 383 et seq. tal-Kodiċi Kriminali favur Charmaine u il-familja tagħha.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' jannar, 2008 fejn Charmaine Spiteri ddikjarat li ma tridx toffri x-xhieda tagħha għaliex tista' tinkrimina ruħha.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' jannar, 2008 fejn il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex aktar provi xi tressaq.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi l-unika xhud li kellha l-prosekuzzjoni kienet l-imsemmija Charmaine Spiteri li għażlet li ma toffrix x-xhieda tagħha.

Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' provi ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------